MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 307/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Micallef Grimaud)**
**Vs**
**Joseph Brown**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Ottubru, 2009 ghall-habta tas-00.20 a.m. fi Triq ir-Repubblika, l-Belt, Valletta,

1. bi kliem insulenta jew hedded lil Davina Galea;
2. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Davina Galea wegghha bi kliem b’gesti jew b’mod iehor;
3. rama`, waqqa jew xort’ohra iddepozita f’post fil-berah li l-pubbliku ghandu access ghalih jew li jista` jidhol fih minghajr hlas, fil-bahar jew ma xatt il-bahar jew halla xi haga tkun li tkun f’cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi jew li tista’ twassal ghal, it-tkerrih biz-zibel u skart ta’ xi post meta dan id-depozitu jew thollija ma kienx

awtorizzat bil-ligi bi ksur tal-art. 4 tal-A.L. 344 ta' l-2005 Kap. 435.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat ir-regolament 4 u 10(1) tal-Avviz Legali 344/2005 sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni biss u kkundannatu ammenda ta' €100.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u wara li tiddikjara li tkun inkisret jew naqset li ssir xi formalita` mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ghandha terga tibghat l-atti quddiem il-Qorti nferjuri sabiex jergghu jinstemghu mill-gdid, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat gie lliberat mill-ewwel akkuza migjuba kontrih, wara li tisma l-mertu fuq il-kaz, din il-Qorti tal-Appell tippronunzja ruhha fir-rigward tat-tieni akkuza (peress li din ma gietx ittrattata f'ebda mod filwaqt li wara tikkonferma s-sejbien ta' htija tat-tielet akkuza minflok tat-tieni akkuzi ghar-ragunijiet kif hawn fuq indikati, tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Joseph Brown fir-rigward tal-istess, u tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida ai termini tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi bis-sentenza moghtija l-Qorti naqset milli tiehu a konjizzjoni l-akkuzi kollha kif migjuba u di piu l-piena inflitta l-Qorti marret ferm taht il-minimu preskritt mill-ligi. B'hekk l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tippronunzja ruhha u tinfliggi l-piena u dan kif ser jigi muri hawn taht.

Illi dan l-appell qieghed isir ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali.

Illi preliminarjament jinghad illi l-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra t-tielet akkuza meta giet biex tippronunzja s-sentenza taghha li fiha nnifisha twassal ghan-nullita` tas-sentenza moghtija. Ai termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali taghna li jinqara kif gej, is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti trid tikkonsisti mill-elementi li gejjin :
*382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.*

Illi kwindi jidher illi meta wiehed janalizza l-kontenut tas-sentenza kif moghtija l-Qorti ma ppronunzjatx ruhha b'mod car f'dan is-sens u partikolarment dwar dak li ghandu jsehh mit-tielet akkuza kif migjuba.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi jidher li dan seta` sar bi zvista peress li l-Ewwel Qorti kkwotat l-artikoli li jirrigwardaw it-tielet akkuza meta ppronunzjat ruhha fuq il-htija u fuq is-sentenza. Illi ghalhekk jinghad semmai li l-Ewwel Qorti kellha tillibera mill-ewwel zewg akkuzi u mhux mill-ewwel akkuza biss filwaqt li ssib il-htija fir-rigward tat-tielet akkuza u mhux it-tieni. Alternattivament setghet issib htija fuq it-tieni u t-tielet akkuzi filwaqt li tillibera mill-ewwel akkuza.

Illi fit-tieni lok izda dejjem minghajr pregudizzju konsiderando s-suespost, jekk din il-Qorti tal-Appell thoss illi d-dicitura tas-sentenza kif maghmula tista` tirrefletti frott ta' *lapsus calami* minn l-Ewwel Qorti u li d-dicitura kif maghmula hija cara b'inferenza, u kwindi fl-eventwalita` li din il-Qorti tikkonvalida s-sentenza kif moghtija u ma tannullahiex, l-appellant jissottometti li minghajr pregudizzju ghall-liberatorja mill-ewwel akkuza kif migjuba, l-piena ghall-akkuza koncernanti l-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 li jaqa taht il-Kapitolu 435 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ferm taht il-minimum kif rikjest mill-ligi.

Fir-rigward tal-ewwel skeda jinghad illi fil-kaz in ezami qeghdin nitkellmu fuq oggetti tal-ikel jew oggetti relatati mal-istess peress li l-akkuzat huwa propjetarja ta'

“confectionery” u l-iskart li intrema da parti tieghu ghandu kollu x’jaqsam ma’ din l-intrapriza. Filfatt ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-htija fir-rigward ta’ din l-akkuza kemm mill-akkuzat kif ukoll mill-Qorti li sqarret fis-sentenza li din l-akkuza (irriferuta mill-Qorti bhala t-tieni wahda meta kellha tinqara t-tielet wahda) *‘ma jhallux dubbju dwar ir-reita fl-imputat’.*

Illi rispettivament ta’ dan pero`, l-Qorti sostniet li l-applikazzjoni tal-piena ghal dan ir-reat li hija rregolata mill-artikolu 10 tal-istess Avviz Legali hija limitata biss ghall-ewwel paragrafu minghajr l-estremi tal-paragrafu (3) tal-istess artikolu.

Illi m’hemm l-ebda dubbju dwar l-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu f’dan l-artikolu izda l-esponent ma jaqbilx li ma jikkonfigurawx l-elementi tal-estremi indikati fit-tielet paragrafu b’referenza wkoll ghat-tieni skeda tal-istess Avviz Legali u dan peress li skond il-paragrafu (g) tat-tieni skeda z-zibel mormi mill-appellat jidhlu f’din il-kategorija :
*(g) L-iskart u l-swill kollu ta’ l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel hi x’inhi l-kwantita`, li tnehhiet minn stabbilimenti li jipprovdu l-ikel detenturi ta’ licenzja.*

Illi ghalhekk huwa difficli hafna li wiehed jifhem u japprezza kif l-Ewwel Qorti rnexxiela tasal ghall-piena ta’ €100 ammenda meta l-piena erogata skond it-tielet paragrafu li skond l-appellant ghandha tigi applikata f’dan il-kaz, tammonta ghal bejn minimu ta’ multa ta’ elf lira Maltin ekwivalenti ghal madwar €2329 u massimu ta’ elfejn u hames mitt Lira Maltin ekwivalenti ghal madwar €5823.

Illi jinghad ukoll li m’hemm l-ebda dubbju li dan l-iskart gie mormi f’post pubbliku u li kien qed idejjaq persuni ohrajn peress li fin-nuqqas ma kienux jittiehdu l-passi kontra l-appellat kif dedotti. Kwindi m’hemm l-ebda dubbju li fir-rigward tal-akkuza koncernanti l-ksur tal-Avviz Legali 344/2005, l-Ewwel Qorti marret ferm taht il-minimu kif rikjest mill-ligi.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi l-4 ta’ Ottubru, 2009 ghall-habta ta’ 12.20 a.m. fi Triq ir-Repubblika, l-Belt, fin-Notte Bianca tal-Belt, Valletta, kien qed isir gbir tal-iskart f’nofs il-lejl. Irrizulta illi l-appellat hareg diversi boroz kbar ta’ skart fi Triq ir-Repubblika tal-Belt wara dan il-hin, liema fatt ma giex kontestat mill-appellat quddiem il-Qorti.

Sar rapport kontra l-appellat minn Davinia Galea u peress illi l-agir tal-akkuzat kiser l-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 ittiehdu proceduri fil-konfront tieghu.

Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellat gie mixli fi tlett akkuzi. Gie liberat mill-ewwel akkuza, instab hati tat-tieni akkuza, wehel mitt Ewro emmenda izda ghar-rigward tat-tielet akkuza l-Qorti tal-Magistrati ma ppronuncjatx ruhha ghad li kkwotat l-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 fuq imsemmi.

L-Avukat Generali appella peress illi deherlu fost affarijiet ohra illi l-Ewwel Qorti naqset li tottempra ruhha mad-dittami tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jobbliga lill-Qorti li tghid il-voti tas-sentenza, tghid il-fatti li dan taghhom ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew kull ligi ohra li jkun ikkontempla dan ir-reat.

F’dan il-kaz mhuwiex car ghal x’hix l-emmenda ta’ mitt lira qeghda tigi addebitata, jekk huwiex ghat-tieni akkuza li tellef il-gieh ta’ Davinia Galea u weggagha bi kliem  b’gesti jew b’xi mod iehor jew inkella ghat-tielet akkuza li remgha z-zibel f’post pubbliku.

L-Ewwel Qorti ma ppronuncjatx ruhha dwar din it-Tielet akkuza, ghad li rreferiet ghall-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 meta giet biex erogat il-piena.

Ma hemmx dubju illi dan l-izball jwassal ghan-nullita` tas-sentenza.

Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Agius deciza 3 ta’ Frar 1995 “in-nuqqas ta’ osservanza ta’ dak li

hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta’ formalita` sostanzjali”.

Dan iwassal ghan-nullita` tas-sentenza w kwindi ghandha terga` tinstema mill-gdid.

Ghalhekk din il-Qorti mhihix sejra tittratta t-tieni aggravju tal-Avukat Generali w cioe` illi l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija ferm anqas minn dik li stabbilit il-Ligi, sabiex dana jigi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti meta tkun qeghda tittratta l-kawza mill-gdid.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta’ Gunju, 2010 u tordna li l-atti jigu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza terga` tinstema trattata u deciza mill-gdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------